MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 1183/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**

**VS**

**SVETLANA BONANNO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Svetlana Bonanno, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 379589M.

**Akkuzata talli:**

Fit-tnax (12) ta` Novembru, 2011 ghal habta tat-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) fi Triq Sciortino, Haz-Zebbug, waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBN484:

1. B’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-art jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjret lil Filippo Dimech u involontarjament ikkagunatlu offizi ta` natura gravi skont kif iccertifika Dr. Carlo Refalo, M.D. tal-isptar Mater Dei.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-tnax (12) ta` Novembru, 2011 fit-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) bejn karozza tal-marka Hyundai Reg. No. JBN484 misjuqa minn Svetlana Bonanno u Filippo Dimech, ragel ta` sitta u sebghin (76) sena, *pedestrian* illi, minn fuq ir-*roundabout* fi Triq Sciortino, Zebbug, beda jaqsam it-triq waqt illi Svetlana Bonanno, li kienet ghadha kemm waqfet lill-huha Christian fi Vjal il-Helsien, kienet qiedgha ddur mar-*roundabout*.

Illi f’dana l-incident, Filippo Dimech soffra griehi ta` natura gravi stante li kiser saqajh. Huwa gie operat minnufih. *Per natura*, ksur, din il-ferita tigi klassifikata bhala gravi. L-imputata hija mharka li minhabba sewqan traskurat, nuqqas ta` hsieb u nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kienet il-kagun ta` dan al-incident.

Illi dina l-Qorti ghandha amment tal-lokazzjoni ta` dina r-*roundabout* gewwa Haz-Zebbug. Tinnota li dina hija wahda moderna, catta mat-triq, zghira u li, sahansitra, ghandha monument fuqha. Din hija fit-triq principali ta` Haz-Zebbug u tati lejn Vjal il-Helsien jew tohrog minn Haz-Zebbug. Il-vizwali minn dina r-*roundabout* hija eccellenti u wiehed, minnha, jista` jara kollox madwaru sahansitra sac-cimiterju. Dina r-*roundabout* m’ghandiex bankini. L-imputata kienet qiedgha ddur mar-

*roundabout*. Illi jirrisulta wkoll illi ftit isfel u ftit il-fuq minn dina r-*roundabout* hemm iz-*zebra crossings*.

Illi jirrizulta wkoll illi l-imputata ma baqghetx tiela` fuq ir-*roundabout*. Il-midrub kien fit-triq meta sehh l-incident.

Illi jirrizultaw dawn il-fatti li gejjin:

1. *Speed* ma kienx hemm ghax hija kienet ghadhja kemm nizlet mill-vettura passiggier, huha Christian, fi Vjal il-Helsien, u kienet qiedgha ddur ir-*roundabout*;
2. Illi, fil-vicinanzi tar-*roundabout* jezistu zewg *zebra crossings* li, facilment, setghu jigu utilizzati minn Filippo Dimech li ried jaqsam it-triq;

3. Illi Filippo Dimech li kien fit-triq fejn huwa mtlaqat waqt illi l-imputata kienet qiedgha ssuq bi speed baxx hafna madwar ir-*roundabout.* Il-vizwali tal-imputata setghet ukoll giet impeduta mill-monument li hemm fuq ir-*roundabout* ghaliex jirrizulta li Dimech kien qieghed jawsam minn daina r-*roundabout* zghira minn quddiem.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti mhux qiedgha issib lill-imputata hatja mill-akkuzi lilha addebitati u minnhom tilliberaha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------